MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2001

Numru 48/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR N. CIAPPARA**
**SPETTUR SANDRO ZARB**

**VS**

**SALAH SAID SALEH ALALWI**

**Illum 15 ta' Frar 2001**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Salah Said Saleh Alalwi, 33 sena, imwieled fil-15 ta' Ottubru 1968 fi Tripoli, Libya, bin Said u Gazala nee' Sagri, detentur ta' passaport Libyan 17799699;

Talli fl-10 ta' Frar 2001, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabin Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat ir-regolament 8 tar-regoli tal-1939, u l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti qeghda ssib lill-imsemmi imputat hati ta'

kif akkuzat u qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmlix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti qeghda wkoll tiddikjara lill-imsemmi imputat, immigrant pprojbit, a tenur ta’ l-Artikolu 14, 15 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------